MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 216/2014

Kawza fil-lista: 20

**A B f'isimha proprju**

**u bhala l-werrieta unika tad-decuius C D**

**u dan permezz tad-digriet tal-25 ta' Novembru 2014**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2014**

**il-minuri C-E B giet kjamata in kawza u F B**

**giet nominata bhala kuratrici tal-istess minuri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici Tiziana Tabone li taqra kif gej:-

Premess illi l-esponenti kellha relazzjoni mad-decuius Morgan Mifsud illi minnha twieldu l-minuri Shania Mifsud fis-27 ta' Awissu 2003, kif jirrizulta mill-anness document immarkat bhala Dok A kif ukoll Morgan-Letty Tabone Ii twieldet f1-14 ta' Mejju 2014, kif jirrizulta mill-anness document immarkat bhala Dok B;

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:

Premess illi mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' registrazzjoni 2360 tas-sena 2014 hawn anness Dok B jirrizulta li fil-kolonna ta' isem u kunjon missier it-tarbija Morgan Letty gew registrati l-kliem "unknown father" ossia missier mhux maghruf;

Premess illi d-decuius Morgan Mifsud, guvni u kien jaf illi ser f' qasir zmien kagun tal-marda serja li kellu, kif fil-fatt gara gewwa l-Ingilterra fejn kien qieghed jinghata kura, fil-20 ta' Marzu 2014. Hu miet ab intestate, liema testament huwa anness u mmarkat bhala Dok D.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, jghid l-konvenut, ghalfejn din l-Onor Qorti m' ghandhiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra tal-volta mehtiega u necessarja, tiddikjara li c-certifikat tat-twelid ta' Morgan-Letty Tabone ma jirriflettiex ir-realta' stante li l-missier naturali u bijologiku ta' Morgan-Letty huwa d-decuius Morgan Mifsud;

2. Tordna l-korrezzjoni mehtiega fl-imsemmi certifikat tat-twelid mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku billi l-Att tat-Twelid tal-minuri Morgan-Letty huwa jikkancella l-kliem "unknown father" mill-kolonna ta' l-isem u kunjom missier it-tarbija u jissostitwihom bil-kliem Morgan Mifsud jissostitwixxi bil-kelma Mifsud kunjom Morgan-Letty minn Tabone ghal Mifsud, u jirregistra wkoll fl-istess Att il-konnotati kollha ta' l-imsemmi l-mejjet Morgan Mifsud;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra bil-mod segwenti:-

1. Illi preliminarjament huwa indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju li tigi imsejjha fil-kawza l-minuri Morgan Letty Tabone u li ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u gnalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsarn mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu gnar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba ta' l-attur l-esponenti jistieden lill-rikorrent sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji persona li kollha ta' Morgan Mifsud, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri Morgan Letty Tabone, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla Morgan Letty. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi Morgan Letty bin-numru ta' registrazzjoni 2360 tas-sena 2014;

4. Illi l-informazzjoni kif tnizlet fl- Atti tat-Twelid, tal-imsemmi Morgan Letty u bin-numru ta' registrazzjoni 2360 tas-sena 2014, giet iffirmata minn Tiziana Tabone stess u b'dik il-firma kkonfermat d-dettalji li huma imnizzlin fl-att innifsu u cioe anke 1-fatt li l-minuri kienet imnizla bhala wild ta' 'unknown father'.

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-**attrici Tiziana Tabone** xhedet permezz ta' affidavit.[1] Tghid hekk:-

"Jiena Tiziana Tabone kont iltqajt ma' Morgan Mifsud meta kelli hmistax il-sena. Bdejna relazzjoni flimkien u wara sena hrigt tqila u fis-27 ta' Awissu 2003 kellna tifla li jisimha Shania Mifsud."

Xehed **Karmenu Mifsud**, hu d-decujus bil-mezz ta' affidavit[2] :-

"Jien Karmenu, li nigi hu Morgan, qed niftakar li xi tnax (12) il sena ilu, kien f'relazzjoni ma' Tiziana, u ftit wara kienet harget tqila, u welldet l-ewwel tarbija taghhom Shania, li llum ghandha hdax(11) il sena.

Huwa dejjem ghex ma' Tiziana, taht l-istess saqaf, sa ma' miet. Niftakar lil Morgan se jtir bil-ferh, jghidli li kien se jerga jsir missier, ghal darba ohra. Dan kien xi ghaxar (10) xhur ilu, meta gie ghandi d-dar, biex jghatini l-prokura, qabel ma' marru l-Ingrilterra, fejn wara nizluh katavru.

Xahar (1) qabel ma' miet kien cempilli u qalli li kienu se jizzewgu, biex b' hekk meta l-wild li kien gej, (li llum hija Mogen Letty), jkunu familja, kif dejjem xtaq.

[1] Fol. 13
[2] Fol. 15

Jien ninsab iddispjacut li n-neputija tieghi giet iddikjarata minghajr missier, zball tal-istat. Din it-tifla ghandha missier, u dan huwa Morgan Mifsud li jigi hija z-zghir.

Jien lest li nghamel kull ma' hemm bzonn, u anke t-test tad-DNA, sabiex in-neputija tieghi tigi kkonfermata li ghandha missier."

Rat id-dokumenti pprezentat inkluz it-testment li kien ghamel Morgan Mifsud li permezz tieghu innomina lill-attrici bhala werrieta unika u universali tieghu.

Ikkunsidrat.

**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi:

*(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi*.

Mill-kumpless tal-provi imressqa il-Qorti hi tal-fehma illi l-attrici ippruvat sodisfacentement li l-minuri hija bint id-decujus Morgan Mifsud. Jirrizulta illi anke l-familjari tad-decujus jikkonsidraw lill-minuri bhala iben id-decujus. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma kienx mehtieg li titressaq il-prova tad-DNA.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri Morgan-Letty Mifsud [3] hija l-bint naturali tad-decujus Morgan Mifsud.

2. Tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf', u minflok jitnizzel l-isem Morgan Mifsud bhala l-missier u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw mill-verbal u min-nota tat-13 ta' Jannar 2015.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] L-isem 'Shania' gie mibdul bl-isem 'Morgan-Letty' permezz tad-digriet datat 5 ta' Marzu 2015